# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-10 ta' Dicembru 2015

Appell Nru: 349/2014

**Il-Pulizja**

**Spettur Robert Said Sarreo**

**Vs**

**Brendan Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Brendan Cachia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 75487M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1) nhar il- 11 ta' Awwissu 2014 bejn it- 8.00am u l- 5.00pm, minn gewwa BLk C, Flat 9, Wesgha Mattia Preti, Birgu, ikkommetta serq ta' laptop tad- ditta Dell u kif ukoll diversi oggetti ohra li l- valur taghhom jeccedu €232.94 izda

mhux aktar minn €2329.40 ghad- detriment ta' missieru Joseph Cachia u/jew xi persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur u bil- lok;

2) Fl- istess data, gewwwa dawn il- gzejjer, kellu fil- pussess tieghu id- droga kokajina spcefiikata fl-ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- medicini perikoluzi Kap 101 tal- Ligiijiet ta' Malta meat ma kinx fil- pussess ta' awtorizazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib principali tal- Gvern skont id- disposizzjonijit tar- 4 u s- 6 Taqsima tal- Ordinanza u meta ma kinx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura jew li jforni droga msemmija u meta ma kinx b' xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta' Malta li jkollu d- droga msemmija fil- pussess tieghu naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu tieghu skont ir- ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija;

3) Aktar talli fl- istess dati, lok u cirkostanzi kiser il- provedimenti tal- artikolu 22 tal- Kap 446 b' sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D nhar il- 25 ta' April 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

4) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ati termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9;

5) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- liberta' provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill- Qorti ta' Malta mill- Magistrat Dr C. Galea LL.D fid- digreit taghha datat 7 ta' Awwissu 2014 li bih hu gie obbligat li ma jikkommettix reat iehor;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Brandan Cachia. Kif ukoll tordna li s-somma ta' 1000 Ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' Joseph Cachia kemm waqt

il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fit-13 ta' Awwissu, 2014, li permezz taghha, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 49 u 50 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellat hati u kkundannatu ghal terminu ta' sentejn prigunerija. Il-Qorti inoltre ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 412 D tal- Kap 9 u hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Ordnat ir-revoka tad- digriet tal- helsien mill- arrest preventiv datat 7 ta' Awwissu 2014 u r-riarrest mill-gdid tieghu u konfiska tas- somma ta' elf ewro (€1,000) mohgtija bhala garanzija personali fl- istess digriet.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Settembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

1. **Tikkonfermaha** fir-rigward tar-reita`, u cioe` fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu;

2. **Thassarha u tirrevokaha** f`dik il-parti tal-piena billi minflok il-piena karcerarja u l-Ordni tal-Probabtion ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta taghti piena skond il-ligi; u

3. **Thassarha u tirrevokaha** f`dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tas-somma ta' elf ewro (€1,000) moghtija bhala garanzija personali u minflok tordna l-konfiska ta' elfejn ewro (€2,000).

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti ma kinetx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi gharreat li fuqu l-appellat kien ikkundannat. L-Avukat Generali ressaq zewg aggravji ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. Jilmenta illi filwaqt illi l-ewwel Qorti kkundannat lil Brendan Cachia ghal sentejn prigunerija effettivi, ordnat hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 412 D tal-Kap 9 u fl-istess waqt ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu juri bic-car li fid-decizjoni taghha l-Qorti ma setghet qatt torbot piena karcerarja ma dik tal-probation u dan ghaliex l-ordni tal-probation qeghda hemm bhala alternattiva ghal-piena karcerarja biex persuna tinghata l-opportunita tirriforma ruhha barra mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Fit-tieni aggravju tieghu l-Avukat Generali jghid illi fis-sentenza taghha l-Qorti ordnat ukoll ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest preventiv datat 7 ta' Awwissu 2014, ordnat ir-riarrest mill-gdid u l-konfiska tas-somma ta' elf ewro (€1,000) moghtija bhala garanzija personali fl-istess digriet u isostni li l-konfiska tas-somma ta' elf ewro (€1,000) moghtija bhala garanzija personali hija wahda zbaljata u dan ghaliex l-istess digriet juri li l-garanzija personali kienet dik ta' elfejn ewro (€2,000) u mhux tas-somma konfiskata;

In konkluzzjoni, l-Avukat Generali jirritjeni illi l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun wahda ta' prigunerija effettiva flimkien mal-Ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 412 D tal- Kap 9 minghajr l-ordni ta' probation.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali jemergi illi l-appellat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja fit-13 t'Awissu 2013 sabiex iwiegeb ghall-akkuzi riprodotti *supra*. L-appellat ammetta l-akkuzi f'dik l-ewwel seduta u l-Qorti ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza. Fid-decizjoni taghha u kif gustament jirrileva l-Avukat Generali, l-Ewwel Qorti kkundannat

lill-appellat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn u harget kontra tieghu Ordni ta' Trattament ghal tlett snin skond l-artikolu 412 D tal-Kapitolu 9. Fl-istess waqt izda ordnat ukoll il-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal-tlett snin fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446. L-Avukat Generali ghandu ragun in rigward mhux legalment possibbli illi persuna tkun kkundannata ghall-prigunerija u fl-istess waqt tinhareg kontra taghha Ordni ta' Probation. Minn ezami tal-atti kollha, jirrizulta illi l-hrug ta' Ordni ta' Probation kien biss *lapsus* ghaliex kollox juri illi l-intenzjoni tal-Magistrat li rrediga s-sentenza kien primarjament l-ghoti ta' terminu effettiv ta' prigunerija u Ordni ta' Trattament. Fl-ewwel lok dan hu rifless fin-notament iffirmat u datat 13.08.14 fuq l-ahhar folja tal-akkuza li jghid hekk: " Ammissjoni; Sentejn prigunerija; Art 412D Kap 9 u Art 7 Kap 446 ghal tlett snin..." Jidher illi meta l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 7 tal-Kap 446 dan ghamlitu peress illi l-Ordni ta' Trattament *ex* artikolu 412D tal-Kap 9 jirreferi ghax-xorta ta' trattament specifikat fl-artikolu 7(4) tal-Kap 446 u ghalhekk abbinat iz-zewg ligijiet flimkien tant illi t-terminu tat-tlett snin hemm impost ssemma wara l-Kap 446 u jirreferi sew ghall-Ordni ta' Trattament kif ukoll ghall-Ordni ta' Probation. L-artikolu 7 (5) tal-Kap 446;

L-appellat kien konsapevoli li ser jinghata piena ta' prigunerija tant illi lanqas appella minn dik is-sentenza u fis-sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti rrizulta illi l-appellat kien qieghed hu stess jaghmel minn kollox sabiex jibda pagna gdida f'hajtu izda sabiex jaghmel hekk kellu bzonn l-ghajnuna fil-forma ta' ordni ta' trattament. L-appellat ilu nkarcerat minn dakinhar tal-ghoti tas-sentenza u skond id-difensur tieghu t-terminu jiskadi fil-granet li gejjin. A fol 25 tal-process jinsab dokument bir-referenza 22/2014 Kumpilazzjoni 757/2014. Dan huwa Dokument biex persuna tinzamm il-habs fejn fid-dettalji tal-kundanna hemm imnizzel "SERQ U DROGA". Din hija ffirmata mid-Deputat Registratur tal-Qorti u inizzjalata mill-Magistrat li kien qed jippresjedi l-kaz. Dan ghalhekk ma jhalli ebda dubju illi l-ghan principali tas-sentenza kien l-imposizzjoni ta' terminu ta' prigunerija. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun milqugh u din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax

ghar-rizultat pozittiv u nkoragganti ottenut mill-appellat fit-trattament tieghu kif jemergi miz-zewg rapporti tal-Ufficcjal tal-Probation in atti;

Kwantu t-tieni aggravju, jigifieri li l-Ewwel Qorti kellha tordna l-konfiska tas-somma ta' €2000 u mhux ta' €1000 bhala garanzija personali moghtija mill-appellat ghal-helsien mill-arrest tieghu f'kawza ohra pendenti. Kif evidenti mir-riproduzzjoni tal-akkuzi *supra*, ir-raba' wahda tirravviza ksur tal-liberta' provizzjoni (digriet tal-Qorti tal-Magistrati tas-7 t'Awissu 2014) u l-prosekuzzjoni kienet talbet lill-Qorti Istruttorja "tordna li s-somma ta' 1,000 Euro bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta". Minkejja dan, l-prosekuzzjoni ma esebiet ebda digriet ta' helsien mill-arrest in rigward u ghalhekk l-Ewwel Qorti ragonevolment qatt ma setghet tkun taf l-ammont ta' garanzija personali li bih Qorti ohra rabtet lill-appellat. L-unika informazzjoni li kellha kienet it-talba specifika maghmula mill-prosekuzzjoni. L-Avukat Generali, kontra kull regola procedurali, annetta mar-rikors tal-appell tieghu kopja tad-digriet tal-helsien mill-arrest biex juri li l-garanzija personali moghtija mill-appellat kienet fl-ammont ta' €2000. L-Ewwel Qorti ma hadet ebda zball meta akkordat it-talba tal-prosekuzzjoni fl-ammont minnha indikat. Din il-Qorti tiehu l-okkazzjoni tissenjali illi f'materji bhal dawn, il-prosekuzzjoni ghandha turi aktar precizzjoni billi tesebixxi kopja tad-digriet ghall-helsien mill-arrest u dokumenti rilevanti. Il-gurnata tat-13 t'Awissu 2014 kienet l-Erbgha u xejn ma kien jipprekludi lill-prosekuzzjoni tottjeni d-dokumentazzjoni mehtiega. Tistaqsi din il-Qorti x'kien ikun il-kaz fejn il-prosekuzzjoni titlob konfiska f'ammont aktar minn dak attwalment garantit mill-appellat;

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba tal-Avukat Generali limitatament kif gej, jigifieri tirriforma s-sentenza appella billi tikkonferma dik il-parti li permezz taghha sabet lill-appellat hati

tal-akkuzi kollha, tikkonfermaha ukoll kwantu ikkundannat lill-appellat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn u l-hrug ta' Ordni ta' Trattament ex artikolu 412D tal-Kap 9 ghall-perjodu ta' tlett (3) snin u thassarha kwantu ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Probation taht l-artikolu 7 tal-Kap 446. Inoltre tichad it-talba tal-Avukat Generali sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska ta' €1000 bhala garanzija personali u sabiex minflok tordna konfiska tal-ammont ta' €2000 u ghalhekk tikkonferfma s-sentenza appellata ukoll f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska ta' €1000.

Ghall-iskop li jkun evitat kull ekwivoku, stante illi l-appellat ilu inkarcerat mit-13 t'Awissu 2014, t-terminu ta' prigunerija tieghu u l-Ordni ta' Trattament ghandhom jitqiesu effettivi mit-13 t'Awissu 2014.